L-Orizzont

LORNA VASSALLO

Data tal-Pubblikazzjoni : 30 ta' Lulju, 2004

# Ghaliex mhux Ghawdex

Qabel shubija shiha fl-Unjoni Ewropea tkellimna hafna dwar l-insularita' doppja tal-gzejjer Ghawdxin anke bhala parti mid-dibattitu dwar jekk Ghawdex huwiex intitolat ghall-fondi esklussivi mill-Unjoni.

Ghaldaqstant, qabel shubija shiha fl-Unjoni kien hemm min tkellem ukoll dwar kif bi shubija shiha fl-Unjoni Ewropea l-Gvern malti jista' jkollu min iregieh u jigbidlu widintu. Kienet din ir-raguni li wasslet fil-fatt, lil diversi persuni ta' twemmin Laburista jivvutaw lill-Gvern Nazzjonalista fl-elezzjonijiet li kkonfermaw il-voti dwar l-Unjoni.

Izda nahseb li s'issa hareg car li bi shubija shiha fil-kaz tat-tmexxija nterna tal-pajjiz u tal-mod ta' kif jittiehdu certi decizjonijiet krucjali li jolqtu fil-laham il-haj lic-cittadin, kif ukoll kif u fuq min jigu mposti t-taxxi, qridna biss l-ghanqbuta u mhux il-brimba. Billi thalla Gvern Nazzjonalista fil-poter gara proprju li d-decizjonijiet zbaljati u anti-socjali tajnihom aktar ir-rih mentri kull ma hadna s'issa kien biss li nghaddu mill-kju ta' l-EU citizens fl-ajurport (ovvjament ghac-cittadini komuni. L-istorja ta' Dar Malta fi Brussels nafha jien ukoll).

**Ghawdxin bdiewa religjuzi**

L-Ghawdxin kienu dejjem protagonisti fir-rebhiet tal-Partit Nazzjonalista, m'ghandniex xi nghidu. Huma nies pjuttost religjuzi u bdiewa u ghalhekk ghandhom kwalitajiet li bla ma jridu jgieghluhom jaqblu b'ruhhom ma' politika Nazzjonalista. L-ewwelnett ghax ir-religjon hija parti mill-politika Nazzjonalista u t-tieni nett ghax ir-religjuz huwa aktar dak il-bniedem li jemmen malajr bla ma jistaqsi. Bhalma r-religjozita' Ghawdxija wasslet ghal twemmin bla kritika lejn ir-religjon hekk ukoll wasslet ghal twemmin ghami fil-politika Nazzjonalista.

Rigward il-fenomenu tal-bdiewa dan jidher car fil-mod kif inhuma mqassmin il-voti. Fl-irhula rurali l-bdiewa dejjem ghexu maqtghuin minn kulhadd, dejjem raw lin-nies ta' l-ibliet bhala differenti u dejjem ghexu indipendenti minn kulhadd bla ma qajla gew bzonn il-Gvern jekk mhux indirettament. M'humiex bhall-impjegati li jghixu fl-ibliet li ma l-ewwel caqliqa jhossuha tidwi gewwa buthom. Din hija r-ragunighaliex it-Tramuntana ta' Malta hija mifnija b'voti Nazzjonalisti. Hafna mill-bdiewa ghandhom xorti jifhmu sal-lum il-gurnata x'inhuma d-drittijiet tal-haddiema. U dan ghax ma jinteressahomx! Sal-lum xogholhom ghadu kif kien elfejn sena ilu!

Dan kien ukoll dak li wassal ghat-telfa kbira tal-PN. Ghax ghall-ewwel darba l-bidwi wkoll hass realment id-dhul tieghu jonqos konsiderevolment.

Izda inkwantu jidhol Ghawdex l-istorja ma spiccatx hawn. Jista' jkun li l-osservazzjonijiet li se naghmel hawn xebghu jaghmluhom l-Ghawdxin izda jista' jkun li, specjalment dawk ta' twemmin Nazzjonalista ghandhom ma ammettewhomx.

**Jasal fi tmiemu l-imperu tal-flettijiet**

L-Ghawdxin matul iz-zminijiet bnew imperi shah ta' flettijiet ghall-kiri. Kellhom zewgt iswieq mhux biss ghat-turisti, izda wkoll ghall-Maltin.

Dan l-imperu qajla qajla qieghed jasal fi tmiemu. Facli tikkalkula ghaliex.

Niehu l-ezempju ta' koppja adulta bla tfal li tqatta' sebat ijiem Ghawdex. Din se tonfoq:

Hlas ta' vapur, karozza – zewgt adulti, Lm8.25 flat Lm6 kull leal ghal sitt iljieli, Lm36, ikel li jissajjar fi flat, Lm5 petrol, Lm3. B'kollox Lm50.25.

Il-koppja tista' tiddeciedi li ghalkemm qieghda vaganza tghaddi veru bi ftit flus u forsi jirnexxilha tghaddi bit-total li jidher hawn fuq, li jista' jgieghlkom tghidu kemm ma nifhimx fil-prezzijiet! Imma nsomma wara kollox Mr & Mrs X taghna jistghu jiddeciedu jieklu ghagin u jixorbu nbid kuljum!

Pero' mbaghad jekk nassumu li l-koppja kif ghandu jkun, tiekol darba kuljum barra t-total tal-vaganzi taghha jigi:

Total originali Lm50.25, jekk jieklu pizza / hamburger ecc, kull wiehed (Lm5 bejniethom), Lm30. B'kollox Lm80.25.

Jew inmella.

Total originali Lm50.25,jekk jieklu ikla ahjar (Lm10 bejniethom kuljum), Lm60. B'kollox Lm110.25.

Jekk wiehed jinnota l-prezzijiet li bihom qeghdin jigu offruti t-trasport u akkomodazzjonijiet half-board minn diversi agenziji turistici Maltin lejn it-Tunezija, dawn jammontaw madwar Lm100 bit-trasport lejn l-ajruport u mill-ajruport u b'garanzija ta' ikla 3 course kuljum – li ghal min diga' mar it-Tunezija jaf li allahares tiekol iktar minn hekk – ghax ikla 3 – course it-Tunezija hija ferm iktar minn ikla 3 – course Malta.

Fi kliem iehor m'hemm l-ebda dubju li l-gholi fil-prezzijiet tal-Gozo Channel se jaffettwa hazin hafna lil dan is-settur.

Ekonomikament pero' dan se jaffettwa mhux biss lil Ghawdex hazin, izda wkoll lil Malta in-generali. Dan ghax flus il-Maltin qeghdin jispiccaw barra minn Malta.

**Studenti Ghawdxin jahdmu Malta**

Dejjem ammirajt studenti u haddiema Ghawdxin li jahdmu Malta li jaghmlu sagrificcju jqumu fil-5.00 ta' filghodu kuljum biex jigu ghax-xoghol Malta u wara nofsinhar jew filghaxija jergghu lura Ghawdex.

Ghalissa dawn il-haddiema / studenti l-ispejjez huma dawn:
20c karozza tal-linja mill-belt ghac-Cirkewwa , 50c vapur, 15c mill-Imgarr ghar-Rabat, 15c mir-Rabat ghal-lokalita' taghhom. B'kollox Lm1 kuljum, Lm30 – 31 fix-xahar.

Jekk din il-persuna ghandha karozza l-ispejjez tal-vapur ikunu Lm3 u wiehed irid ovvjament l-ispejjez tal-karozza tal-linja, izda jissotitwija bil-petrol jew diesel li ovvjament probabbilment ikunu aktar.

Dan ifisser li fil-kaz ta' l-Ghawdxi li jitla' Ghawdex kuljum l-ispejjez ikunu ta' Lm3 – li jigu 'l fuq minn Lm105 fix-xahar – li hija somma inkredibbli li wiehed rari jidhol ghaliha.

B'danakollu wiehed irid izomm f'mohhu li wara kollox ghalkemm b'karozza personali t-telf ta' hin jonqos, xorta wahda ma jonqosx drastikament. Specjalment minhabba l-kjuwijiet ta' karozzi u t-tul ta' zmien bejn vapur u iehor.

**Jaqbel lill-Maltin**

Ovvjament infieq bhal dan min-naha ta' l-Ghawdxin se jaqbel lil dawk Maltin li jixtiequ jikru lill-Ghawdxin, ghalkemm li l-Ghawdxin jikru f'Malta m'ghadiex tkun xi haga daqshekk facli – billi hafna drabi jkollhom ihallsu daqs li kieku kienu impjegati bi qligh- anke jekk huma studenti ghas-semplici raguni li ghal min jikri, barranin u Ghawdxin, studenti jew impjegati bi qligh, ftit jaghmlu differenza.

**Fabbriki jaghlqu**

Forse wiehed jista' jsemmi wkoll il-fenomenu ta' l-opportunitajiet ta' xoghol dejjem jonqsu f'Ghawdex bl-gheluq ta' fabbriki. Minn konversazzjoni li kelli ma' Ghawdxi mid-dehra Ghajnsielem il-Madonnan li hemm fin-nicca biss mhix tghix fuq ir-relief!

Jigifieri minkejja l-iskorzi tal-Ministru ta' Ghawdex li tahbi hafna mill-qghad taht titoli differenti – il-qghad f'Ghawdex ghadu qieghe jilhaq livelli ferm gholjin.

**Ghawdex ghadu sostenibbli?**

Dan igieghlna nahsbu jekk il-gzira Ghawdxija nnifisha hix se tibqa' sostenibbli ghall-Gvern Malti. Kien il-Gvern Malti stess li beda d-diska tas-sostenibbli. Ghax ghal dan il-Gvern xejn m'ghadu sostenibbli.

Il-pensjonijiet m'ghadhomx sostenibbli. L-ambjent m'ghadux sostenibbli minghajr ecotax. U jien hawnhekk nistaqsi: Ghawdex sostenibbli? Fil-futur ix-xemx se tibqa' titla ghal Ghawdex bhal ma titla ghal Malta? Jekk inharsu lejn kif gholew il-prezzijiet biex wiehed iqatta' ftit hin Ghawdex facli jnduna ghaliex mhux Ghawdex.